MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Numru 559/2008

Il-Pulizija
(Spettur T. Sciberras)

vs

Rita Borg

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputata ta' karta ta' identita' numru 441782(M) akkuzata talli:

1. fil-lejl ta' bejn il-25 u 26 ta' Gunju 2008 fil-Mellieha f'xi hin bejn is-sitta ta' filghaxija u nofs il-lejl ikkommettejt serq liema serq huwa ta' valur aktar minn 23 euro u inqas minn 2300 euro ghad-detriment ta' terzi persuni liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz u bil-hin;
2. fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi xjentament laqghat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda

b'qerq jew akwistati b'reat jew b'kull mod indahlet sabiex tmexxihom jew tbighhom u dan ai terminu ta' l-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet ix-xhieda tad-derubati li gharfu bhala taghhom l-oggetti fost dawk esebiti.

Semghet lill-imputata tirregistra ammisjoni fl-liema ammisjoni hija insistiet anka wara li l-Qorti taghta zmien tirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

Illi l-ammisjoni tal-imputata hija wahda volontarja u inkondizjonata.

Illi l-akkuzi huma in alternattiva ghal xulxin.

Rat l-artikolu 261 (b)(c)(f), 264, 267, 270, 278, 279(1), 280(2), 334. Rat il-fedina penali tal-imputata. Rat l-istqarrija minnha rilaxxjata lill-Pulizija esebita fl-atti.

Tiddeciedi fuq l-iskorta tal-ammisjoni li ssibha hatja tat-tieni akkuza izda qeghda tilliberaha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputata r-responsabbiltajiet taghha li johorgu b'din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------